MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**SILVIO CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**ALBERT J. MAGRI**

**ONOR. IMHALLEF**
**TONIO MALLIA**

Seduta ta' l-24 ta' Gunju, 2011

Appell Civili Numru. 213/2007/1

**Gabriella Grima**

**v.**

**Abdul Aziz Zidan**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors guramentat ipprezentat mill-attrici fit-18 ta' Mejju, 2007, li jaqra hekk:

"1. Illi l-attriċi Gabriella Grima u l-konvenut Abdul Aziz Zidan iżżewġu fis-27 t'Ottubru 2000, kif jirriżulta miċ-

ċertifikat taż-żwieġ hawn taħt anness u mmarkat bħala Dok GG1;

“2. Illi l-kunsens tal-partijiet għal dan iż-żwieġ kien vizzjat b’difett serju ta’ diskrezzjoni fuq il-ħajja miżżewġa, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali tagħha, illi għamlitha mpossibbli għall-konvenuta (sic) illi taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taż-żwieġ, *ai termini* tal-Artikolu 19 (1) (d) tal-Kap 255 tal-Liġijiet ta’ Malta;
“3. Illi l-kunsens tal-partijiet kien inkiseb bl-esklużjoni pozittiva taż-żwieġ innifsu, jew ta’ xi wieħed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-ħajja miżżewġa, jew tad-dritt għall-att taż-żwieġ, *ai termini* tal-Artikolu 19 (1) (f) tal-Kap 255 tal-Liġijiet ta’ Malta;

“4. Illi għalhekk iż-żwieġ ta’ bejn il-kontendenti kien null u nvalidu skond il-liġi;

“Jgħid il-konvenut għaliex m’għandhiex din l-Onorabbli Qorti:

“1. Tiddikjara ż-żwieġ ta’ bejn il-partijiet null u bla effett għall-finijiet u effetti kollha tal-liġi.

“Bl-ispejjeż u l-konvenut minn issa nġunt in subizzjoni.”

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenut li in forza taghha eccepixxa illi:

“1. Illi l-esponenti qed jopponu bil-qawwa kollha t-talbiet attriċi *stante* li huwa żżewweġ lill-attriċi u kien jgħix ħajja responsabbli fiż-żwieġ għal diversi snin;

“2. Illi ma hemm l-ebda element u raġuni biex it-talbiet għall-annullament taż-żwieġ jiġu akkolti *stante* li kemm hu u kemm hi kienu qegħdin jonoraw l-obbligi tagħhom fiż-żwieġ tant li wara snin jgħixu flimkien, kienet hi li qabdet u telqet għand ommha;

“3. Illi minħabba li huwa ma jaħti xejn għan-nuqqas tat-tifrik taż-żwieġ li ċertament ma hux każ ta’

annullament, huwa m'għandux ibati l-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri;

"4. Illi huwa qed jopponi t-talbiet attriċi kemm fil-fatt u kemm fid-dritt.

"Bl-ispejjeż."

Rat is-sentenza moghtija mill-Qorti Civili, Sezzjoni tal-Familja, fl-4 ta' Dicembru 2009, li in forza taghha ddecidiet il-kawza:

"...billi tilqa' t-talba attriċi u tiddikjara null iż-żwieġ ċelebrat bejn il-partijiet fis-27 t'Ottubru 2000 *ai termini* tas-sub-inċiż (d) fuq imsemmi; spejjeż ikunu bla taxxa bejn il-partijiet."

Dik il-Qorti tat is-sentenza taghha wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

"Illi l-attriċi qed titlob l-annullament taż-żwieġ kontrattat bejn il-partijiet fl-2000 a bażi tal-Artikolu 19(1) (d) u (f) tal-Kapitlu 255 tal-Liġijiet ta' Malta. Il-konvenut qed jikkontesta t-talba. Kif spiss irritenew il-Qrati Maltin: *"F'materja ta' żwieġ illi huwa ta' ordni pubbliku, ma tistax tagħmilha daqshekk faċli li parti tirrepeti kliem il-liġi u l-parti l-oħra tammetti u b'hekk jirrendu ż-żwieġ annullabbli bl-iktar mod faċli u espedjenti. Hawn ma aħniex fil-kamp ta' kreditu likwidu jew responsabbilta' ta' xi kolliżjoni imma f'kamp l-iktar delikat u serju u l-Qorti ma tistax tħalli nies li kappriċċożament wara xi żmien ta' żwieġ jiddeċiedu illi kellhom nuqqas ta' diskrezzjoni fuq iż-żwieġ u meta jkollhom sieħba jew sieħeb ieħor jerġgħu jakkwistaw malajr din id-diskrezzjoni u jsiru maturi. Fejn jirriżultaw verament raġunijiet għall-annullament tiegħu l-istess żwieġ għandu jiġi annullat pero' dan ma għandux ikun sabiex jiġu akkomodati l-kapriċċi ta' dak jew l-ieħor. Għalhekk il-kawżali għall-annullament għandha tirriżulta ċara u mingħajr dubju."* (**"Anna Tonna vs Alexander Tonna"** deċiża mill-Qorti ta' l-Appell fis-6 ta' Novembru, 1991).

"Illi l-artikoli ċitati mill-attriċi jirrigwardjaw:

**“19 (1) (d)** – vizzju tal-kunsens ta’ xi parti li jkun b’difett serju ta’ diskrezzjoni fuq il-ħajja miżżewġa jew fuq id-drittijiet u dmirijiet essenzjali tagħha jew b’anomalija serja psikoloġika li tagħmilha mpossibbli li dik il-parti taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taż-żwieġ;

**“19 (1) (f)** – li l-kunsens ta’ xi parti jkun inkiseb b’esklużjoni pożittiva taż-żwieġ jew xi element essenzjali tiegħu, jew tad-dritt għall-att taż-żwieġ.”

“Illi kif qalet il-Qorti ta’ l-Appell fil-kawża **“Joseph Zammit vs Bernardette Zammit”** (27 ta’ Jannar, 2006):

*““Irid mill-ewwel jiġi senjalat prinċipju fundamentali fil-liġi ċivili u cioe’ li ż-żwieġ bejn il-kontendenti għandu jkun preżunt li jkun wieħed validu. Għalhekk huwa dover assolut ta’ kull parti fil-kawża li tagħmel prova sodisfaċenti ta’ l-allegazzjonijet rispettivi tagħha dwar l-allegazzjoni u cioe’ li ż-żwieg huwa null għaliex l-oneru tal-prova huwa dejjem fuq spallejn min jallega.*

*“Is-sub-inċiż (d) fuq imsemmi jsemmi wkoll li ż-żwieġ ikun null jekk ikun affettwat b’anomalija psikoloġika serja u tagħmilha impossibbli għal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-żwieġ. Ta’ min jenfasizza hawn li l-liġi tagħna tirrikjedi li l-anomalija psikoloġika tkun tali li tagħmilha impossibbli u mhux sempliċement diffiċli li wieħed jaqdi l-obbligazzjonijet essenzjali taz-żwieġ jew inkella li jassumi l-istess obbligazzjonijiet essenzjali taz-żwieġ.*

*“Rigward id-disposizzjoni kontenuta fis-sub-inċiż (f) fuq imsemmi biex dan id-difett ikun jirriżulta jkun jeħtieġ li jiġi ppruvat sodisfaċentement li ż-żewġ partijiet jew waħda minnhom fil-mument ta’ l-għoti tal-kunsens matrimonjali tkun eskludiet iż-żwieġ innifsu jew eskludiet element essenzjali tal-ħajja miżżewġa jew id-dritt għall-att taż-żwieġ u din l-esklużjoni tkun saret b’att pożittiv tal-volonta’ ta’ dik il-parti. Huwa evidenti li din id-disposizzjoni tirravviża sitwazzjoni ta’ simulazzjoni u għandu jiġi enfasizzat li nullita’ ta’ żwieġ bażata fuq il-kawżali ta’*

*simulazzjoni proprjament tkun teskludi kawżali bażata fuq nullita' ta' żwieġ minħabba nuqqas ta' esklużjoni ta' ġudizzju. L-inkompatibbilta' bejn dawn iż-żewġ kawżali toħroġ mill-fatt li n-nuqqas ta' diskrezzjoni ta' ġudizzju timplika inkapaċita' li wieħed jagħraf, jifhem u jirrifletti filwaqt li l-kawżali tas-simulazzjoni teħtieġ li jkun hemm tali kapaċita' intelletwali, proprju l-att pożittiv tal-volonta' li jwassal għas-simulazzjoni, totali jew parzjali. "*

"Illi fil-kawża **"Nicholas Agius vs Rita Agius"** (25 ta' Mejju, 1995) intqal illi: *"B'difett serju ta' diskrezzjoni tal-ġudizzju l-leġislatur ma riedx ifisser sempliċement kwalsiasi stat ta' immaturita'; li parti jew l-oħra fiż-żwieġ tista' tkun fiha fil-mument li jingħata l-kunsens reċiproku. Li kieku l-leġislatur irrikjeda maturita' sħiħa u perfetta ftit jew a dirittura ebda żwieġ ma kien ikun validu. In-nuqqas ta' discretio judicii hu kunċett ġuridiku intrinsikament marbut mal-kapaċita' ta' parti jew oħra fiż-żwieġ li tagħti l-kunsens liberu u xjenti tagħha għar-rabta taż-żwieġ."* F'dan is-sens ġew deċiżi wkoll il-kawżi **"Angela Spiteri vs Joseph Spiteri"** (4 ta' Novembru, 1994), **"Robert Attard vs Josephine Attard"** (18 ta' Ottubru, 1995) u **"Janet Portelli vs Victor Portelli"** (14 ta' Awissu, 1995).

"Illi fil-kawża fl-ismijiet **"Mario Mizzi vs Maris Mizzi"** (15 ta' Novembru, 2005) il-Qorti ta' l-Appell ukoll qalet li: *"Biex ikun hemm in-nuqqas jew difett serju ta' diskrezzjoni ta' ġudizzju jrid ikun hemm l-inkapaċita' psikika jew kostituzzjonali (mhux neċessarjament anomalija psikoloġika fis-sens mediku) li wieħed jagħraf u jirrifletti jew li jiddeċiedi liberament (jiġifieri mingħajr impulsi nterni li jkunu neħħew il-liberta' ta' l-għażla tal-persuna li tkun) fuq l-oġġett tal-kunsens matrimonjali."*

"Illi f'dan il-każ, l-attriċi kellha biss sittax-il sena meta daħlet għaż-żwieġ, u kienet ilha biss taf lill-konvenut ftit xhur. Dan il-fatt waħdu ma jfissirx li ż-żwieġ huwa null, iżda l-Qorti tifhem li għal tifla (għax fil-fatt hekk hi) ta' sittax-il sena huwa diffiċli li jkollha d-diskrezzjoni neċessarja biex tidħol għar-responsabbiltajiet taż-żwieġ. Barra minn hekk l-attriċi *ex admissis* ġia' kellha problema ta' droga. Wieħed diffiċli jifhem kif f'dak l-istat hija setgħet

tifhem ir-responsabbiltajiet taż-żwieġ. Skond l-istess attriċi, il-konvenut telaq mid-dar (kienu jgħixu mal-ġenituri tagħha) wara biss xahrejn. Il-konvenut da parti tiegħu qal illi damu ftit snin, u hu telaq għaliex ried li jgħixu għal rashom. Kollox ma' kollox il-Qorti aktar temmen lill-attriċi illi l-konvenut kien jinteressah li jiżżewweġ tfajla Maltija biex ma jkollux problemi li jibqa' Malta. Hemm għalhekk diversi fatturi li jwasslu għall-konklużjoni li l-Qorti għandha tilqa' t-talba attriċi għaliex hemm wisq fatturi li jindikaw dan."

Rat ir-rikors tal-konvenut illi in forza tieghu, ghar-ragunijiet minnu premessi, talab biex din il-Qorti thassar, tannulla u tirrevoka s-sentenza tal-ewwel Qorti u tilqa' l-eccezzjonijiet tal-appellanti;

Rat ir-risposta tal-attrici li in forza taghha, ghar-ragunijiet minnha premessi, talbet illi din il-Qorti joghgobha tichad l-appell tal-konvenut appellant u tikkonferma s-sentenza appellata, bl-ispejjez kontra l-konvenut appellant;

Semghet lid-difensuri tal-partijiet;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

Ikkunsidrat:

Illi din hi kawza tal-annullament taz-zwieg li sehh bejn il-partijiet fis-27 ta' Ottubru 2000, mil-liema zwieg ma jirrizultax li twieldu tfal. L-ewwel Qorti, li semghet hi stess il-provi, kienet inklinata tqis dan iz-zwieg bhala wiehed ta' konvenjenza u cioe`, li sehh biex il-konvenut ikun jista' jibqa' jirrisjedi Malta, u allura waslet biex thassar l-istess peress li kien nieqes mill-elementi essenzjali tieghu.

Il-konvenut appella mis-sentenza u ssottometta li z-zwieg tieghu kien validu, u li ma kienx veru li ried jizzewweg biex jibqa' Malta, peress li kellu visa b'permess regolari biex jidhol f'Malta.

Din il-Qorti, wara li ezaminat mill-gdid il-provi prodotti, tara li ghandha taghti affidament lill-Qorti u taqbel maghha li,

f'dan il-kaz, ma jidhirx li kien hemm *commitment* sincier li l-partijiet jintrabtu fiz-zwieg. Trid tghid, pero`, u dan biex jigi evitat kwalunkwe malintiz, li hi ma taqbilx mal-ewwel Qorti fejn osservat li tifla ta' sittax-il sena "difficli li jkollha d-diskrezzjoni necessarja biex tidhol ghar-responsabbiltajiet taz-zwieg". Il-ligi taghna fuq iz-zwieg tippermetti persuna ta' dik l-eta` li tizzewweg, u dan taghmlu, ovvjament, ghax tqis li tali persuna hija matura bizzejjed biex tapprezza u twettaq fil-fatt id-dmirijiet taghha ta' mizzewga. Kieku persuna ta' sittax-il sena mhux kapaci tifhem il-konsegwenzi ta' zwieg, ma kienitx tithalla mil-ligi tizzewweg, ghax kieku naslu ghall-assurd li l-ligi tippermetti zwieg *null ab initio!* Kwindi persuna li ghandha l-eta` li tizzewweg hu prezunt li ghandha l-kapacitajiet kollha mehtiega u d-diskrezzjoni necessarja biex tidhol fi zwieg validu u sta ghal dik il-persuna, jekk trid tannulla z-zwieg, tipprova ghas-sodisfazzjon tal-Qorti li hi, fil-fatt, ma kellhiex il-kapacitajiet u d-diskrezzjoni mehtiega, u dan bi provi li jmorru lill-hin mis-semplici riferenza ghall-eta` taghha.

Iccarrata din il-kwistjoni, din il-Qorti tara li, fil-fatt iz-zwieg inkwistjoni kien semplici montatura jew tal-anqas, mhux sincier. L-attrici ta' eta` zghira, kienet diga` tesperimenta bid-droga, u riedet l-indipendenza taghha anke biex tehles mis-sikkatura ta' dipendenza fuq il-genituri. Iltaqghet mal-konvenut li kien mghaggel li jizzewweg, u fil-fatt izzewgu wara biss sitt xhur. Il-konvenut f'okkazzjoni minnhom, taha *ultimatum* u insista li jitlaqha jekk ma jizzewgux fi zmien xahrejn u fl-ahhar ta gimgha cans sabiex tahsibha. L-attrici, meta rat hekk, accettat li tizzewweg avvolja lill-konvenut ma kienitx tafu sew u ma kienitx ghada fasslet hsieb li kien dak li kellu johrogha mis-sikkatura tad-dar. Dan mhux kaz fejn iz-zewg partijiet riedu jintrabtu ma' xulxin u ghaglu l-process, fejn l-istorja kienet tkun differenti, izda fejn tnejn, ghar-ragunijiet separati u differenti taghhom, riedu jizzewgu, u sabu lill-parti l-ohra akkomodanti.

Tant ma kienx hemm intenzjoni ta' rabta vera u dejjiema li, skont l-attrici, il-konvenut wara xahar warrabha u wara xahrejn telaq mid-dar minghajr ma tkellem. Il-konvenut

jghid li hu telaq mid-dar wara erba' snin, pero`, anke jekk dan hu minnu, hu jghid li ghamel hekk peress "li ridt nghix wahdi x'imkien"; anke dan il-kumment, hekk maghmul minn persuna li allegatament riedet tghix "bhala familja" mal-attrici, juri li ma kienx hemm rieda li l-ghaqda tkun permanenti.

Li z-zwieg sar malajr jirrizulta mill-fatt li l-partijiet qatt ma hasbu fuq dar ghalihom izda marru jghixu fid-dar tal-ġenituri tal-attrici u qatt ma jidher li tkellmu fuq tfal jew fuq kif se jghixu wara z-zwieg.  Il-konvenut kien qed jahdem ta' bajjad ma' huh pero` ma kellux permess ghax-xoghol. Il-konvenut kien kemm-il darba jitlob lill-attrici tiffirmalu "xi karti" fid-Depot tal-Pulizija (probabbilment biex ikun jista jibqa' Malta), pero`, ma jidhirx li qatt ippruvaw joholqu familja fil-veru sens tal-kelma.  Din il-Qorti, bhall-ewwel Qorti qabilha, tara' li jezistu provi li juru li dan iz-zwieg kien verament wiehed ta' konvenjenza, zgur ghall-konvenut jekk mhux ukoll ghall-attrici, u tqis dan is-suppost zwieg bhala null fis-sens tal-ligi.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi mill-appell interpost mill-konvenut billi tichad l-istess u tikkonferma s-sentenza tal-ewwel Qorti.

L-ispejjez tal-kawza in prim istanza jibqghu kif stabbilit mill-ewwel Qorti, waqt li dawk ta' din it-tieni istanza jithallsu mill-konvenut appellant.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------